MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 4/2001/1

**Kunsill Lokali Kirkop**

**vs**

**L-Avukat Generali, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, il-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp, l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph Dimech, il-Perit Joseph Spiteri u b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2001 Multigas Limited giet awtorizzata sabiex tintervjeni "in statu et terminis".**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell, interpost mill-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Jannar, 2002. Permezz ta' din is-sentenza l-ewwel Qorti, wara li ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha skond ma jipprovdu l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, illiberat lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju. Is-sentenza in kwistjoni qed tigi riprodotta bhala Appendici "A" ghal din is-sentenza, u dan biex tifforma parti integrali minnha.

Brevement dak li gara kien is-segwenti. Il-Korporazzjoni tal-Izvilupp ta' Malta, a nom ta' Multigas Limited, applikat ghal "Outline Development Permit" sabiex l-Awtorita` ta' l-Ippjanar tikkunsidra talba ghar-rilokazzjoni tal-intrapriza ghall-produzzjoni ta' gas ghal uzu industrijali mis-sit fejn kienet topera fil-Hamrun ghal post f'Hal Kirkop. Il-Kunsill Lokali ta' Hal-Kirkopp ipprezenta l-oggezzjonijiet tieghu ghall-akkoljiment ta' din it-talba, izda t-talba giet milqugha. L-imsemmi Kunsill Lokali, ghalhekk, interpona appell minn din id-decizzjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, izda dawn il-proceduri gew imwaqqfa permezz ta' mandat ta' inibizzjoni mahrug mill-Prim Awla fis-16 ta' Frar, 2001 fuq talba ta' l-imsemmi Kunsill Lokali peress li dan kien qed jallega li kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu proprju quddiem l-imsemmi Bord, u dan peress li qed jigi allegat li, minhabba l-mod kif il-Bord hu kompost u "iffinanzjat" mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, dana l-Bord ma hux "indipendenti" mill-imsemmija Awtorita` li hija parti fl-istess proceduri quddiem il-Bord, u ghalhekk anqas huwa Bord "imparzjali" (Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea). In segwitu ghal dan il-mandat, sar ir-rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili bit-talbiet kif jidhru fis-sentenza hawn annessa.

Waqt li l-ewwel Qorti kienet qed tisma' il-provi fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet kif maghmula fir-rikors (ara l-verbal tat- 2 ta' April, 2001, fol. 234), hija giet infurmata, fl-

udjenza tal-4 ta' Mejju, 2001, li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet fil-fatt laqghet talba ghal "Full Development Permission" (ara wkoll in-nota ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp tat-8 ta' Mejju, 2001, fol. 340), u ghalhekk l-intimati talbu lil dik il-Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 "billi r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju konsistenti fid-dritt ta' appell mill-permess hekk mahrug" (ara l-verbal tal-4 ta' Mejju, 2001, fol. 337). In partikolari l-intimati Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, l-Avukat Aquilina u l-Periti Dimech u Spiteri issottomettew li l-"Full Development Permission" "irrenda l-prezenti proceduri kostituzzjonali irrelevanti in kwantu l-meritu tar-rikors kostituzzjonali issa gie ezawrit u li, ghalhekk, in vista ta' dan l-istat ta' fatt, pronunzjament da parti ta' din l-Onorabbli Qorti fuq il-vertenza *de quo* huwa futili u ghad fadallu biss relevanza akkademika u xejn izjed" (ara n-nota ta' dawn l-intimati tal-15 ta' Mejju, 2001 a fol. 344). Jizdied jinghad li, kif jirrizulta mid-dokument a fol. 383, kif ukoll mill-verbal tal-15 ta' Gunju, 2001 (fol. 384) il-Kunsill Lokali ta' Hal-Kirkop appella wkoll mill-"full development permission" quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Dana l-appell l-imsemmi Kunsill ghamlu interament bla pregudizzju ghall-proceduri kollha allura pendenti (inkluz, ghalhekk, ir-rikors kostituzzjonali odjern) li kellu quddiem il-Qrati ta' Gustizzja (ara l-kopja ta' l-appell, fol. 383).

Bazikament l-ewwel Onorabbli Qorti, fid-decizjoni taghha appellata, irriteniet:-

(1) li, minkejja li l-"Outline Development Permit" (ODP) u l-"Full Development Permission" (FDP) huma zewg permessi separati u distinti, il-fatt li fit-tieni wiehed (FDP) hemm referenza ghall-atti, dokumenti u kundizzjonijiet imsemmija fl-ODP ifisser necessarjament li jekk isir appell mill-FDP quddiem il-Bord u eventwalment appell (fuq punt ta' ligi deciz mill-imsemmi Bord) quddiem il-Qorti ta' l-Appell, il-kwistjoni tal-validita` tal-proceduri quddiem il-Bord in kwantu jikkoncernaw l-ODP "inkluz ukoll kull att formanti parti mill-istess proceduri" jista' jigi epurat proprju

fl-appell lill-Bord u lill-Qorti ta' l-Appell riferibbilment ghall-FDP; u

*(2)* li *"il-provvedimenti relevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea…huma intizi sabiex jaghtu rimedju effettiv ghall-allegat ksur tad-dritt fondamentali u mhux permess li persuna titlob rimedju meta dan ma jkunx aktar atwabbli. Fil-kaz in ezami li skop ewlieni tal-Kunsill Lokali Kirkop sew bl-intervent tieghu waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni ghall-"outline development permit", inkluz l-appell mid-decizjoni tal-Awtorita` minn tali permess, kif ukoll l-intervent tal-Kunsill fl-ipprocessar tal-applikazzjoni ghall-"full development permit" ma hu xejn hlief tentattiv biex jitwaqqaf l-ghoti ta' tali permess u dan ghar-ragunijiet moghtija waqt il-proceduri imsemmija. Ghalhekk illum meta dan il-permess inghata in segwitu ghal applikazzjoni separata u distinta minn dik meritu ta' dawn il-proceduri, ikun futili ghal din il-Qorti li tippronunzja ruhha fuq allegat ksur ta' dritt fondamentali f'proceduri li ghal kull fini u effett tal-ligi ma ghandhomx aktar relevanza."*

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, dan l-argument huwa forma ta' *petitio principii*, u jinjora wkoll punt kardinali ghal dak li huma r-rimedji li jistghu jinghataw kemm mill-Prim Awla fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali (jew konvenzjonali, i.e. skond il-Kap. 319), kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali. Il-Kunsill appellant, permezz tar-rikors originali tieghu tal-14 ta' Frar, 2001, kien qed jallega li hu ma setax ikollu smiegh xieraq fil-proceduri quddiem il-Bord fir-rigward ta' l-ODP peress li l-mod kif l-istess Bord hu kompost u ffinanzjat skond il-ligi jirrendih tribunal mhux indipendenti mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar (li hija parti fil-proceduri quddiem l-istess Bord) u, per konsegwenza, tribunal mhux imparzjali. Huwa ghalhekk irrelevanti, mill-punto di vista ta' minn qed jilmenta minn ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, jekk l-appell quddiem il-Bord isirx minn decizjoni dwar ODP jew dwar FDP, ghax il-kwistjoni dwar ir-relazzjoni bejn l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-imsemmi Bord tibqa' veljanti irrispettivament jekk l-appell isirx fir-rigward tal-ewwel permess (ODP) jew fir-rigward tat-tieni wiehed (FDP). Dak li effettivament qed tghid l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha huwa li l-Kunsill appellant

ghandu jinsa' l-proceduri inizjati permezz tar-rikors tieghu tal-14 ta' Frar, 2001 u, jekk irid, imur mill-gdid quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar (li l-indipendenza u l-imparzjalita` tieghu qed tigi kontestata), din id-darba permezz ta' appell mill-FDP. Il-ligi tipprovdi li l-Prim Awla tista' – mhux "ghandha" – tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha jekk tkun sodisfatta li "mezzi xierqa ta' rimedju" ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli" favur ir-rikorrent skond xi ligi ohra. Apparti l-fatt li dawn il-mezzi xierqa ta' rimedju iridu, bhala regola, jkunu disponibbli fiz-zmien meta jkun gie intavolat ir-rikors – u mhux jitfaccaw wara, forsi b'xi stratagemma tal-intimat jew intimati – ir-rimedju jrid ikun wiehed adegwat. Huwa veru li, bhala regola wkoll, meta jkun hemm tali rimedju adegwat u l-Prim Awla taghzel li ma tezercitax is-setghat taghha, din il-Qorti narament tiddisturba dik id-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti; pero` certament din il-Qorti, cioe` il-Qorti Kostituzzjonali, hi obbligata li tara, l-ewwel u qabel kollox, li dak ir-rimedju li l-ewwel Qorti tkun qed tghid li hu jew kien disponibbli, hu verament wiehed adegwat. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti ma tistax tifhem kif wiehed jista' jippretendi li l-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop ghandu rimedju adegwat in virtu` tad-dritt ta' appell tieghu quddiem il-Bord mill-FDP meta l-istess Kunsill qed jghid (fil-proceduri odjerni) li dan il-Bord ma hux wiehed indipendenti u imparzjali b'mod li jista' jiggarantixxi id-dritt ta' smigh xieraq skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, u ghalhekk qed jitlob rimedju skond il-ligi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti injorat ukoll dak li hemm fir-Regola 3(2) tar-Regoli ta' l-1993 dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati. Din id-disposizzjoni tghid li *"Ir-rikors ghandu jispecifika wkoll ir-rimedju mitlub mir-rikorrent: Izda l-Qorti tkun tista', jekk ir-rikors jigi milqugh, taghti kull rimedju iehor fil-gurisdizzjoni taghha li tkun tqis bhala aktar xieraq"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Issa, ghalkemm huwa veru li r-rimedju principali mitlub mill-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop fir-rikors tieghu tal-14 ta' Frar, 2001 huwa l-waqfien tal-proceduri ghall-hrug tal-ODP – ara t-tieni u t-tielet talba tal-Kunsill rikorrent fl-imsemmi rikors – dan ma kien b'ebda mod jipprekludi lill-ewwel Qorti milli taghti kull rimedju iehor li hija kien jidhrilha

xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz – cirkostanzi li setghu jinkludu l-fatt li fil-mori tal-proceduri nhareg addirittura l-FDP – bhalma hi, per ezempju, is-semplici dikjarazzjoni mitluba fl-ewwel talba, jew rimedju f'forma ta' kumpens. Ghalhekk certament l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta rriferiet ghal proceduri li kienu saru "futili" jew li "ma ghandhomx aktar rilevanza".

Ghalhekk ir-rikors ta' appell odjern jimmerita li jigi akkolt.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-21 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Deputat Registratur

gr

**--- Appendici "A" ---**

**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**
**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2002

**Rikors Kostituzzjonali numru 4/2001 AJM**

Kawza numru

Kunsill Lokali Kirkop

Vs

L-Avukat Generali, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, il-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Izvilupp, l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph Dimech, il-Perit Joseph Spiteri.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Kunsill Lokali Kirkop ppresentat fl-14 ta' Frar 2001 li permezz tieghu gie premess:
Illi fil-prezent tezisti procedura ta' Appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet "Kunsill Lokali ta'Hal Kirkop vs l-Aworita' ta' l-Ippjanar" liema procedura ggib in-numru 266/00, PA 338/99 u tinsab differita ghad-decizjoni preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni ghal nhar il-Gimgha 16 ta' Frar 2001 u dan wara appell li kien gie interpost mill-esponenti kontra d-decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar ghal hrug ta' "Outline development permission" lill-Malta Development Corporation ghan-nom tal-Multigas Limited ghar-rilokazzjoni tal-impjant taghha li jinsab f'Santa Venera ghal-lokalita ta' Hal Kirkop, liema decizjoni inghatat waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2000.
Illi dan il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar huwa l-Bord mahtur bil-ligi cioe` l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta li skond l-Artikoli 14 u 15 ta' l-istess Att, huwa mahtur u ghandu gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddecidi appelli maghmula min minn jhossu aggravat b'decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, inkluz it-twettieq ta' dak il-kontroll u jista' jigi adit ukoll minn terza persuna bhal ma gara f'dan il-kaz.
Illi jigi sottomess illi f'din il-procedura ta' appell li giet interpost mill-esponenti, l-istess esponenti ma jistax jinghata smiegh xieraq ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan peress li l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar kif kompost u finanzjat skond il-ligi ma jikkostitwix tribunal indipendenti u imparzjali ai termini tal-artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.
Illi skond l-Artikolu 15(8) ta’ l-Att Dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp il-fondi mehtiega mill-Bord ghal qadi tal-funzjonijiet tieghu, ghandhom jigu pprovduti mill-Awtorita`. Dan ifisser li l-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar, li ghandu funzjoni kwazi gudizzjarja, huwa finazjat direttament mill-Awtorita` li f’dan il-kaz qed tidher quddiemu fil-kwalita’ ta’ appellat, cioe` parti fil-kawza.
Illi oltre minn hekk l-onorarju/hlas li jircevu l-membri tal-Bord ta’l-Appelli dwar l-Ippjanar ghas-servizzi taghhom huwa wkoll imhallas mill-fondi li jigu allokati lil dan il-Bord mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar. Illi dan il-fattur jista’ jwassal ghal nuqqas ta’ imparzjalita’ da parti tal-istess membri tal-Bord in kwantu li, bil-ligi presenti, l-istess membri (u l-Bord in toto) ma jistghux jkunu hielsa minn restrizzjonijiet, influwenzi u interferenzi diretti jew indiretti minn kwalunkwe persuna u ghal kwalunkwe raguni.
Illi apparti minn hekk fil-kaz de quo, ic-Chairman ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, li skond l-rtikolu 4(2) ghandu ukoll r-rappresentanza legali u gudizzjarja ta’ l-Awtorita`, huwa ukoll il-Perit inkarigat mill-izvilupp propost cioe` r-rilokazzjoni tal-impjant tal-Multigas Limited minn Santa Venera ghal-lokalita` ta’ Hal Kirkop.
Illi fil-laqa’ pubblika tal-11 ta’ Mejju 2000, waqt il-laqgha pubblika quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-“outline development application”, ic-Chairman ta’ l-Awtorita` tal-Ippjanar iddikjara li kellu konflitt ta’ interess f’dan il-kaz, nizel minn fuq is-siggu tieghu u ha t-tenxxija tal-laqgha il-Perit Victor Torpiano, biss l-istess Chairman baqa’ prezenti hdejn ir-rapprezentant tas-socjeta’ zviluppartici, fil-kamra fejn ittiehdet id-decizjoni li laqghet l-izvilupp propost fi stadju ta’ “outline development application.”
Illi c-Chairman tal-Awtorita` ta’ l-Ippjanar huwa wkoll ic-Chairman tal-enti finanzjatrici tal-Bord ta’l-Appelli dwar l-Ippjanar, liema Awtorita` hija wkoll wahda mill-partijiet fl-appell interpost mill-esponenti hawn fuq imsemmi.
Illi ghalhekk il-mod kif isir l-iffinanzjar tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar ma jassikurax li l-Bord qua Tribunal Amminstrattiv b’funzjoni kwazi gudizzjarja ikun Tribunal indipendenti u imparzjali kif rikjest mill-Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab li din il-Qorti:-
1. tiddikjara u tiddecidi li ghar-ragunijiet premessi, l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar ma huwiex tribunal indipendenti u imparzjali kif rikjest mill-istess Artikou 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;
2. Tiddikjara u tiddecidi li konsegwentement il-proceduri quddiem dan il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar f'dan il-kaz jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti a termini ta' l-artikoli citati;
3. Tiddikjara null u bla effett (a) il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar fl-appell fl-ismijiet "Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar" liema proceduri jgiebu n-numru 266/00, PA 338/99 (b) id-digriet tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar ta' l-10 ta' Novembru 2000 li permezz tieghu l-appell de quo gie differit ghad-decizjoni preliminari u (c) id-digriet tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar tad-29 ta' Jannar 2001 li permezz tieghu l-istess Bord cahad it-talba ta' l-esponenti sabiex jressaq provi in sostenn ghas-sottomissjonijiet tieghu;
4. U ghalhekk taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettieq tal-artikoli fuq imsemmija.

Rat ir-risposta tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ta' l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, tal-Perit Joseph P. Dimech u tal-Perit Joseph M. Spiteri presentata fil-21 ta' Frar 2001 li permezz taghha gie sottomess:-
Illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, kif ukoll il-membri li jikkomponu panel minnu u cioe` l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph Dimech u l-Perit Joseph M. Spiteri, gew notifikati nhar it-Tnejn 19 ta' Frar, 2001 b'rikors kostituzzjonali ppresentat mill-Kunsill Lokali Kirkop kontra l-Avukat Generali, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kif ukoll kontra l-esponenti.

Fir-rikors kostituzzjonali qed jigi allegat illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhux tribunal indipendenti u mparzjali minhabba l-mod kif inhu ffinanzjat.
Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi kemm il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u l-eccipjenti l-ohra m'ghandhomx interess guridiku f'dawn il-proceduri u li ghalhekk mhumiex il-legittimi kontradditturi. Il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri huwa l-Avukat Generali li jirrapresenta l-Gvern ta'Malta fi proceduri gudizzjarji. Bizzejjed jinghad li, anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrent jinghata ragun minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huma fl-impossibilita` guridika li jaghtuh ir-rimedju li huwa qed jitlob.
Fit-tieni lok u fil-mertu jigi osservat illi dak li qed jinghad mir-rikorrent huwa fattwalment zbaljat peress li mhux minnu li l-Bord ta' l-Appell jircevi l-fondi tieghu mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar kif se jigi pruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri. Jigi rilevat biss f'dan l-istadju illi:-

a) il-Bord tal-Appell huwa finanzjarjament indipendenti mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar;

b) l-istess Awtorita` m'ghandhiex l-ebda setgha fuq id-dhul u l-infieq tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar;

c) il-Bord ta' l-Appell gahndu accountant tieghu stess (li mhuwiex impjegat ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar);

d) il-Bord ta' l-Appell ghandu kont bankarju separat minn dak ta' l-Awtorita`;

e) id-drittijiet ta' l-appelli u l-multi inflitti mill-Bord ta' l-Appell jithallsu lill-istess Bord ta' l-Appell u mhux lill-Awtorita;

f) kull cheque li jinhareg mill-fondi tal-Bord ta' l-Appell jehtieg firma ta' zewg firmatarji u l-firmatarji huma biss iz-zewg Chairmen tal-Bord u is-Segretarju tal-Bord;

g) l-istess segretarju tal-Bord ta' l-Appell jinhatar skond il-ligi (kif fil-fatt huwa l-kaz) mill-Ministru responsabbli ghall-Ippjanar u mhux mill-Awtorita` u li skond l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp s-Segretarju ghandu s-setgha li jaghzel lill-impjegati l-ohra tal-Bord;

h) illi l-indirizz postali tal-Bord huwa differenti minn dak ta' l-Awtorita` bhalma huma wkoll differenti n-numri ta' telefon u tal-fax;

i) illi l-onorarju tal-membri tal-Bord ta’ l-Appell jigi fissat mill-Ministru responsabbli ghall-Ippjanar u mhux mill-Awtorita`;

j) illi s-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell u z-zewg impjegati l-ohra tal-Bord ukoll jircevu s-salarju taghhom mill-finanzi tal-Bord ta’ l-Appell u mhux mill-Awtorita ta’ l-Ippjanar;

k) illi l-Bord ghandu l-letterheads tieghu, juza l-istationery tieghu u l-formuli tieghu u s-Segretarju tieghu huwa bil-ligi indipendenti minn dak ta' l-Awtorita`;

l) illi l-Bord ta’ l-Appell ghandu l-audited accounts tieghu wkoll li jigi wkoll imqieghda fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati separatament minn dawk ta’ l-Awtorita`.

Fit-tielet lok mhux minnu li c-Chairman ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar jew ic-Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp qed ihallsu l-onorarju tal-membri tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar. Lanqas mhu minnu wkoll li dawn l-istess zewg min-nies qed jikkontribuixxu, anke parzjalment, fl-iffinanzjar tal-Bord jew b’xi mod jindahlu kif il-Bord jiggestixxi l-finanzi tieghu.

Fir-raba’ lok, il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ta smiegh xieraq lir-rikorrent fil-mori tal-proceduri li hemm pendenti quddiem il-Bord izda li dawn ma jistghux jitkomplew in vista ta’ mandat ta’ inibizzjoni mahrug mill-Onorabbli Qorti Civili (M. Inib. 441/01) fis-16 ta’ Frar 2001 fuq talba tal-istess rikorrent pendenti l-ezitu ta’ dawn il-proceduri kostituzzjonali.

Ghaldaqstant dawn l-intimati talbu li din il-Qorti:-

1. flewwel lok tiddikjara li ma humiex il-legittimi kontradittturi f’dawn il-proceduri u tordna l-liberazzjoni taghhom;

2. f’kaz li din il-Qort tichad din l-eccezzjoni preliminari, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent stante li dak li qed jigi allegat mir-rikorrent huwa infondat kemm fil-fatt u fid-dritt;

3. tirrevoka contrario imperio il-mandat ta’ inibizzjoni numru 441/01AJM mahrug minn din il-Qorti fis-16 ta’ Frar 2001 li permezz tieghu l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph Dimech u l-Perit Joseph Spiteri gew inibiti milli jaghtu decizjoni preliminari fl-atti ta’ l-appell fl-ismijiet “Kunsill Lokali Kirkop

kontra l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-Malta Development Corporation f'isem Multigas Limited".

Rat ir-risposta tal-Avukat General presentata fit-22 ta' Frar 2001 li permezz taghha issottometta:-

1. Illi l-Kunsill Lokali Kirkop m'ghandux *locus standi* fil-procedura odjerna peress li skond l-istess Att XV ta' l-1993 li waqqaf il-Kunsilli Lokali dawn jistghu jaghtu biss parir jew jigi konsultat f'materja bhal ippjanar ta' bini. Il-parir jew il-konsultazzjoni ma jfissrux li l-Kunsill rikorrenti jista' jiffunzjona bhala stat awtonomu tal-lokal u jagixxi gudizzjarjament biex jindahal lill-awtoritajiet ohra kompetenti fil-qadi tal-masjonijiet taghhom.
2. Illi din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni peress li mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur allegat huma disponibbli favurhom. Illi l-kwistjoni ta' imparzjalita' jew kostituzzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija wahda ta' dritt li tista' tigi epurata fil-Qorti ta' l-Appell. Illi ghalhekk il-Kunsill Lokali qed jkun intempestiv u jadixxi din il-Qorti f'sede kostituzzjonali u allura f'gurisdizzjoni inerentement straordinarja minghajr ma l-ewwel jezawrixxi r-rimedju ordinarju li ttih il-ligi fid-dritt li jappella mill-Bord quddiem il-Qorti ta' l-Appell.
3. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur ai termini ta' l-artikolu 181(B) u ma ghandux il-vesti li jirrapresenta lil kull entita` ta' natura ezekuttiva, legislattiva, gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja. Fir-rikors promotur mhux qed tigi impunjata l-validita` tal-ligi li twaqqaf il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar izda qed jigi attakkat il-mod kif inhu kompost u finanzjat l-istess Bord. Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors il-Bord huwa kompletament awtonomu u ffinanzjat separatament mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Din l-istess Qorti fid-digriet taghha tas-16 ta' Frar 2001 fl-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni Nru. 441/01 illiberat lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex m'ghandha "l-ebda jedd fil-proceduri li qed jigu attakkati".
4. Illi subordinatament u fi kwalunkwe kaz il-Kunsill Lokali m'ghandux "civili rights and obligations" x'jittutela taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma bla bazi guridika. Illi skond gurisprudenza assodata ta' organi gudizzjarji ta' Strasbourg tribunal indipendenti u imparzjali ifisser Tribunal fejn l-ezekuttiv mhux parti mit-tribunal – u fil-Bord ta' l-Appelli l-ezekuttiv ma jieuhx parti. Inoltre kif gie ritenut fil-kaz Hauschilat v. Denmark (Series A 154) ir-rikorreti iridu jipprovaw li l-Bord "acted with personal bias" kontrihom.
6. It-talbiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tad-delegat taghha l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp presentata fl-20 ta' Frar 2001 li permezz taghha gie sottomess:-
1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet fir-rikors kostituzzjonali huma kollha ntizi biex jittiehdu provvedimenti kontra l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u ghaldaqstant l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp m'ghandomx jibqghu fil-proceduri interposti u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi fil-fatt jirrizulta li l-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp l-anqas biss ma kienet ddecidiet xejn dwar dan il-kaz stante li ma tistax tigi ddelegata l-Kummissjoni mill-Awtorita ta' l-Ippjanar meta l-kaz ikun hemm bzonn li jsir EIA u cioe` Envirnement (recte Environmental) Impact Assessment u dan skond Government notice 529 ta' l-1997 tat-12 ta' Lulju, 1997.
3. Fil-fatt hemm ukoll gurisprudenza kostanti, li l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar kif ukoll il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ma jirrapresentawx lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kif deciz mid-decizjonijiet kostituzzjonali Victor Bonavia vs Awtorita` ta' l-Ippjanar deciza mill-Imhallef Vincent De Gaetano fid-19 ta' Novembru, 1996 u Anthony Pace vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar deciza mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo fit-3 ta' Novembru, 2000.
4. Illi jigi rilevat li ukoll fid-digriet minn din l-istess Onorabbli Qorti tas-16 ta' Frar, 2001, fejn intalab inibizzjoni kontra l-istess persuni fuq premessi, gie deciz

ukoll li l-Bord ta’ l-Appell huwa Bord awtonomu kemm mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, kif ukoll mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u cioe` li l-Awtorita u d-delegat taghha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, u se mai jibqghu fil-proceduri bhala biss ghal kull interess li jista’ jkollhom bhala intervenuti fil-kawza stante li kienu parti (appellati) quddiem il-proceduri tal-Bord, il-process mhux integru stante ghal kul buon fini, l-partijiet f’dawn il-proceduri kienu ukoll l-MDC ghan-nom tal-Multigas Limited.

6. Illi kif ser jigi pruvat l-istess fondi tal-Bord ilhom jigu regolati mill-istess Bord u minn xi hames snin ilu l-istess Bord jirregola l-finanzi tieghu stess, ghandhom kontijiet bankarji separati mill-Awtorita` u ghandhom annual audit report separat mill-istess Awtorita u minn Ottubru 1998, l-Awtorita` qatt ma ffinanzjat aktar lill-Bord. Del resto, l-Artikolu 15(8) ta’ l-Att 1 ta’ l-1992 ma jaffettwax bl-ebda mod l-awtonomija u l-indipendenza ta’ l-istess Bord.

7. Illi apparti dan l-istess membri tal-Bord jigu mahtura mill-President ta’ Malta fuq parir mill-Ministru responsabbli ghall-Ippjanar ta’ l-Izvilupp u fil-fatt mill-1992, meta gie ffurmat, l-istess Bord qata decizjonijiet kemm favur kif ukoll kontra l-istess Awtorita` u l-istess Awtorita` appellat diversi drabi quddiem il-Qorti ta’ l-Appell minn decizjonijiet ta’ l-istess Bord.

8. Illi del resto kien l-istess rikorrent li utilizza lill-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar meta appella hu stess mid-decizjoni ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u jidher li r-rikorrent qed jattakka tali proceduri li aderixxa hu stess minhabba li l-Bord ta’ l-Appell fid-29 ta’ Jannar, 2001 cahad rikors ta’ l-istess rikorrent biex jkompli igib aktar provi meta l-kaz kien diga thalla fil-prezenza tal-partijiet kollha ghad-decizjoni preliminari.

9. Illi l-istess Awtorita` u Kummissjoni ma ghandhom l-ebda gurisdizzjoni jew poter fuq il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u l-istess Bord hu kompletament indipendenti mill-istess Awtorita` u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda t-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri kostituzzjonali huma intizi sabiex l-Kunsill Lokali ta’ Hal Kirkop jottjeni pronunzjament gudizzjarju dwar allegat ksur ta’ dritt fondamentali waqt proceduri ta’ appell quddiem l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kostitwit in forza ta’ l-Artikolu 14 ta’ l-Att nru. 1 tal-1992 maghruf bhala l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp. Fil-qosor qed jinghad li l-mod ta’ kif huwa kompost dan il-Bord u kif huwa finanzjat l-istess Bord ma jaghtux garanzija ta’ smigh xieraq inkwantu hemm l-involviment tal-Awtorita` tal-Ippjanar li hija wahda mill-partijiet involuta fl-istess proceduri ta’ appell.

Il-kwistjoni kollha tikkoncerna applikazzjoni li saret quddiem l-Planning Authority mill-Malta Development Corporation in rappresentanza tal-Multigas Ltd. ghal hrug ta’ “Outline Development Permit” sabiex l-Awtorita` tikkunsidra talba ghar-rilokazzjoni tal-intrapriza ghall-produzzjoni ta’ gas ghall-uzu industrijali mis-sit presenti fil-Hamrun ghal-lokalita` ta’ Hal Kirkop. Il-Kunsill Lokali ta’ Hal Kirkop kien ipprezenta l-oggezzjonijiet tieghu ghall-akkoljiment tat-talba izda din it-talba giet milqugha b’decizjoni tad-29 ta’ Mejju 2000.

Il-Kunsill Lokali Kirkop interpona appell minn din id-decizjoni quddiem il-Bord tal-Apell dwar l-Ippjanar, biss dawn il-proceduri gew imwaqqfa in forza ta’ mandat in inibizzjoni mahrug minn din il-Qorti fis-16 ta’ Frar 2001 fuq talba tal-istess Kunsill wara li dan allega li kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

F’dawn il-proceduri kostituzzjonali qed jigi allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq garantiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u ghalhekk din il-Qorti qed tigi mitluba li a termini ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tezercita l-poteri taghha billi taghti dawk l-ordnijiet u tohrog dawk id-direttivi li jkunu xierqa sabiex tizgura t-twettieq tal-provedimenti ta’ l-istess artikoli.

Izda gara li waqt is-smiegh tal-provi fuq l-allegat ilment u fil-pendenza tal-proceduri tal-Appell li kienu gew imwaqqfa kif fuq inghad, l-Multigas issottomettiet applikazzjoni quddiem il-Planning Authority ghal “*full develpoment permit*”. Din it-talba giet kunsidrata mill-Awtorita` u, kif jirrizulta mill-verbal ta’ l-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2001, il-permess rikjest kien inghata b’decizjoni ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tat-3 ta’ Mejju 2001 liema permess jgib in-numru 4997/2000.

F’dik l-okkazzjoni ghalhekk l-intimati talbu li din il-Qorti tuza l-poteri taghha in forza tal-proviso tas-subinciz 2 tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta billi r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju konsistenti fid-dritt ta’ appell mill-permess hekk mahrug. Jinghad ukoll li d-dritt moghti lil Qorti bil-proviso imsemmi huwa rifless ukoll fil-proviso ghas-subinciz 2 ta’ l-artikolu 4 ta’ l-Att Nru XIV ta’ l-1987 u cioe` l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Is-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li “*Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma’ u tiddecidi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu* (cioe` fejn jigi allegat li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 33 sa 45 tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x’aktarx ser tigi miksura) *u tista’ taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta’ kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna.”*

Izda l-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jaghti dritt lill-Qorti li tirrifjuta li tezercita din s-setgha taghha jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel “*f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."*

Mill-kliem tal-ligi jidher car, u hekk huma d-diversi pronunzjamenti tal-Qrati nostrani, li kemm-il darba tirrizulta l-ezistenza ta’ rimedju ordinarju r-rikors ghar-

rimedju straordinarju li jipprovdu l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jkunx disponibbli ghall-parti li tkun qed tilmenta bil-ksur tad-dritt fundamentali. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Philip Spiteri vs Sammy Meilaq noe deciz fit-8 ta' Marzu 1995 osservat li "*meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta m'humiex disponibbli".* L-istess gie ritenut fil-kaz ta' Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu 1994.

L-artikolu 15 ta' l-Att 1 ta' l-1992 jitkellem dwar il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Il-paragrafu (a) tas-subinciz (1) ta' dan l-artikolu jistabilixxi li fost id-dmirijiet tieghu dan il-Bord huwa awtorizzat "*to hear and determine all appeals made by a person aggrieved by any decision of the Planning Authority on any matter of development control, including enforcement of such control:*" Il-proviso ghall-istess paragrafu jiddefinixxi l-"*person aggrieved*" billi jiddisponi li tali appell jista' jsir biss "*by the applicant or by a third party who had submitted comments when the application to carry out the development had been published...*"

Fil-procedura quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghall-konsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni numru PA 04997/00 sottomessa minn Multigas Ltd ghal hrug ta' "Full Development Permit" il-Kunsill Lokali Kirkop issottometta l-kummenti tieghu u oggezzjona ghall-istess 'development application' kif jidher mill-ittra tal-istess Kunsill lid-Director of Planning – Planning Authority tas-17 ta' Novembru 2000 (fol 372 et seq). Il-Kunsill Koppi ghalhekk kien jikkwalifika taht id-definizzjoni ta' "*aggrieved person*" skond il-proviso tal-paragrafu (a) tas-subinciz (1) tal-artikolu 15 tal-Att 1 tal-1992. In effetti l-Kunsill fl-1 ta' Gunju 2001 interpona appell mid-decizjoni tal-Planning Authority tat-3 ta' Mejju 2001 kif jidher mill-ittra tal-1 ta' Gunju 2001 ta' Dr. Aaron Bugeja ghall-Kunsill Lokali

Kirkop lis-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (fol 383 tal-process).

Ikkunsidrat:-

Il-kwistjoni li tqanqlet bl-eccezzjoni sollevata mill-intimati fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2001 tipprezenta aspett innovattiv tal-proviso ghas-sbinciz 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan qed jinghad billi filwaqt li dawn il-proceduri jikkoncernaw ilment dwar ksur ta' dritt fondamentali waqt proceduri ta' appell minn decizjoni fuq "outline development permit", il-Qorti hija mitluba li tirrifjuta li tezercita d-dritt moghti lilha bl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni bhala konsegwenza ta' zvilupp li sehh fil-mori ta' dawn il-proceduri in konnessjoni mal-izvilupp ikkoncernat. Dan billi, kif gja inghad aktar il-fuq, illum il-Multigas Ltd otteniet "full development permit" ghall-izvilupp propost.

L-intimati qed isostnu li l-mandat ta' inibizzjoni kif ukoll dawn il-proceduri jikkoncernaw biss l-proceduri quddiem l-Bord ta' l-Appelli inkwantu dan kien qed jiddiskuti l-appell interpost mill-Kunsill Kirkop mid-decizjoni dwar l-"outline development permit". Qed jigi sottomess ukoll li "outline development permit" u "full development permit" huma zewg affarijiet separati u distinti b'mod li wiehed mhux necessarjament jsegwi l-iehor. Ghalhekk bid-decizjoni tal-Planning Authority tat-3 ta' Mejju 2001 ir-relevanza tal-"outline development permit" ma ghadhiex hemm u, filwaqt li dawn il-proceduri ma ghandhomx aktar skop, ir-rikorrent ghandu rimedju biex jottjeni dak li jixtieq b'rikors lill-istess Planning Appeals Board mid-decizjoni tat-3 ta' Mejju 2001. Kif fil fatt ghamel. Ghalhekk skond l-intimati kull pronunzjament ta' din il-Qorti fir-rigward tat-talba tal-Kunsill jista' biss jkollha valur akkademiku u xejn aktar.

Ir-rikorrent ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni billi in linea principali jirrileva li din il-Qorti giet adita a termini tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea biex tezamina l-possibilita` ta' ksur ta' dritt fondamentali fil-konfront tieghu waqt proceduri quddiem Bord li ghandu poteri gudizzjarji u ghalhekk kull zvilupp li seta' sehh fil-mori ta' dawn il-proceduri ma jnaqqas xejn mill-ilment originali. Fit-tieni lok

qed jigi sottomess li ghalkemm huwa minnu li "outline development permit" u "full development permit" huma distinti dawn necessarjament huma konnessi billi "l-*outline development permission* mhux sorpassat jew superat bil-*full development permit*, izda ghandu ezistenza, rilevanza u validita separat u distinta minn dak tal-full development permit".

Fil-verita' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp jitkellem biss dwar il-htiega ta' permess qabel kull zvilupp edilizju "no development shall be carried out after the comming into force of this Act except with the permission of the Authority" (Art. 30 (1)). Dan il-permess jista' jinghata wara li ssir applikazzjoni lill-Awtorita` "for development permission, in such manner, on such form and giving such information as the authority may prescribe." Isegwi li kull permess li ma huwiex wiehed finali fejn l-izvilupp huwa permess, ma ghandux sahha u ma jistax jigi attwat sakemm l-Awtorita` taghti d-decizjoni taghha a termini ta' l-artikolu 30 et sequitur tal-Att 1 ta' l-1992. Li skop ta' applikazzjoni ghall-'*outline development permit'* huwa biss dak li jigi definit 'a priori' jekk l-izvilupp propost jaqghax taht il-parameteri tal-ligi minghajr ma wiehed jidhol fid-dettal u forsi jinkorri fi spejjez zejda. Izda ma hemm xejn li jzomm parti interessata li tissottometti applikazzjoni specifikatament ghall-"*full development permit"* minghajr ma qabel tadotta r-rotta anqas dispendjuza. Minn dan isegwi li z-zewg permessi huma assolutament distinti u separati u meta jinghata "*a full development permit*" ma hemmx il-htiega li ssir referenza ghal kwalunkwe pronunzjament precedenti ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fir-rigward ta' l-izilupp fil-lokalita` mertu ta' l-aplikazzjoni u dana billi dak il-permess ghall-izvilupp jrid necessarjament jissodisfa l-parametri imposti mil-ligi.

Ir-rikorrent qed jissottometti li ghalkemm l-*"full development permit"* ghandu l-ezistenza tieghu indipendentement minn kwalunkwe "*outline developement permit"* fil-kaz sottoezami l-permess milqut b'dawn il-proceduri huwa intimament marbut u jifforma bazi ghad-decizjoni tal-Awtorita` moghtija fit-3 ta' Mejju 2001. Dan qed jinghad billi kif jirrizulta fil-ghoti tal-full development

permission nru 4997/00 l-istess permess huwa kondizzjonat fis-sens illi "*All documents, drawings and conditions approved in previous application, PA0338/99, which are not affected by this development shall remain valid. This includes Environmental Impact Assessment dated November 1999.*"

Din is-sottomissjoni tallacca t-tieni oggezzjoni tar-rikorrent ma' l-ewwel wahda. Dan ghaliex gialadarba b'dawn il-proceduri kostituzzjonali qed jigu attakkati l-proceduri quddiem l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li jikkoncernaw l-"*outline development permit*" inkluz ukoll kull att formanti parti mill-istess proceduri, kif setghet l-Awtorita` ta' l-Ippjanar taghmel referenza fid-decizjoni taghha tat-3 ta' Mejju 2001 ghall-atti, li ghal kull buon fini, ghad ma kellhomx validita' probattiva? Din il-Qorti izda hi tal-fehma li hawn ukoll ghandu relevanza l-proviso ghas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni billi s-sottomissjoni tar-rikorrenti tista' facilment tigi epurata fil-proceduri ta' l-Appell pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar u finalment tista' ukoll tigi sottomessa, inkwantu hija punt legali, lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Dwar is-sottomissjoni tar-rikorrenti fis-sens li din il-Qorti ma ghandhiex tezercita l-poteri taghha a termini tal-proviso fuq imsemmi inkwantu l-allegat ilment u cioe` nuqqas ta' smigh xieraq fil-proceduri quddiem l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar fl-appell tal-Kunsill mill-"*outline development permit*" jipprexxindi minn kull zvilupp iehor li setgha sehh fil-mori, din il-Qorti tosserva s-segwenti.

Huwa minnu li persuna li tallega ksur ta' dritt fondamentali fil-konfront taghha hija intitolata li tadixxi l-Qorti Prim Awla sabiex din taghti dawk ir-rimedji mehtiega biex dak l-ksur jigi sanat. Il-provedimenti relevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea izda huma intizi sabiex jaghtu

rimedju effettiv ghall-allegat ksur tad-dritt fondamentali u mhux permess li persuna titlob rimedju meta dan ma jkunx aktar attwabbli. Fil-kaz in ezami li skop ewlieni tal-Kunsill Lokali Kirkop sew bl-intervent tieghu waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni ghall-"*outline development*

*permit”,* inkluz l-appell mid-decizjoni tal-Awtorita` minn tali permess, kif ukoll l-intervent tal-Kunsill fl-ipprocessar tal-applikazzjoni ghall-“*full development permit*” ma hu xejn hlief tentattiv biex jitwaqqaf l-ghoti ta’ tali permess u dan ghar-ragunijiet moghtija waqt l-proceduri imsemmija. Ghalhekk illum meta dan il-permess inghata in segwitu ghall-applikazzjoni separata u distinta minn dik mertu ta’ dawn il-proceduri, jkun futili ghal din il-Qorti li tippronunzja ruhha fuq allegat ksur ta’ dritt fondamentali f’proceduri li ghal kull fini u effett tal-ligi ma ghandhomx aktar rilevanza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom rimedju xieraq biex jilqghu ghall-ilment taghhom a termini tal-proviso tas-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Att XIV ta’ l-1987 tirrifjuta li tezercita l-poteri moghtija lilha bl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 4 ta’ l-Att XIV ta’ l-1987. Konsegwentement tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------